MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 381/2013

GO **p.l.c.**

**vs**

**Visser Erwin**
**I.D. 62505 (A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jhallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u tlieta u sebghin ewro u sbatax-il centezmu (€673.17) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjni bl-akkont numru A/C40173312 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY 1 u Dok IZY 2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u DOK IZY 3 – estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY 4 – kopja ta' ittra ufficcjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.
Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija tlieta u sebghin ewro u sbatax-il centezmu (€673.17), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------